



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11406/22

COPS 362
CFSP/PESC 993
CYBER 270
RELEX 1025
HYBRID 79
CONUN 167
COHOM 81
DISINFO 64
CSDP/PSDC 480

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 11259/22

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2022.

Diplomazija Diġitali tal-UE:**Konklużjonijiet tal-Kunsill, Kunsill Affarijiet Barranin, 18 ta' Lulju 2022**

1. It-teknoloġiji diġitali ġabu opportunitajiet u riskji ġodda fil-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u n-nies madwar id-dinja. Dawn saru wkoll parametri kompetittivi ewlenin li jistgħu jċaqalqu l-bilanċ ġeopolitiku tal-poter.
2. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2020 u l-ewwel diskussjoni sostanzjali dwar il-ġeopolitika ta' teknoloġiji emerġenti fil-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Lulju 2021, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex jiżguraw li d-Diplomazija Diġitali ssir komponent ewlieni u parti integrali tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż bit-tisħiħ tal-proċessi eżistenti multilaterali, reġjonali u dawk b'diversi partijiet ikkonċernati, meta mqabbel mal-progress li nkiseb bid-Diplomazija Ekoloġika u ċ-Ċiberdiplomazija tal-UE. B'dan l-approċċ l-Unjoni ser tkun tista' taqdi r-rwol sħiħ tagħha fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali globali.
3. Il-Kunsill jisħaq li l-politiki esterni tal-UE dwar it-theddid diġitali, ċibernetiku u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż il-manipulazzjoni u l-interferenza ta' informazzjoni barranija, iridu jkunu koerenti bis-sħiħ u jsaħħu lil xulxin. Il-konsolidazzjoni tal-progress miksub s'issa fl-isforz ambizzjuż tal-Unjoni li ssaħħa is-sovranità teknoloġika u diġitali tagħha, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, teħtieġ ukoll aktar passi deċiżivi lejn Diplomazija Diġitali aktar viżibbli, influwenti u koordinata, bl-użu tal-għodod rilevanti kollha tal-UE.

4. Id-diplomazija diġitali tal-UE ser tkompli ssir b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' s'hab tal-istess fehma, u tinbena fuq id-drittijiet universali tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi.
5. L-ekonomiji u s-soċjetajiet diġitali tagħna jistgħu jiffjorixxu biss jekk ikollna fiduċja fis-sikurezza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u s-sigurtà u l-integrità tad-data tagħna. Il-Kunsill ħa impenn li jsaħħaħ aktar l-involviment internazzjonali tiegħu fiċ-ċibernetika, b'mod partikolari fin-Nazzjonijiet Uniti, l-OSKE u fora multilaterali u reġjonali rilevanti oħra, kif ukoll permezz tal-użu tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija.
6. Il-Kunsill jisħaq li l-għan tad-Diplomazija Diġitali tal-UE huwa li:
 - Ssaħħaħ ir-rwol dinji tal-UE fl-affarijiet diġitali, fuq il-bażi ta' prijoritajiet ġeopolitiċi komuni, b'attenzjoni speċjali għal pajjiżi ta' importanza strateġika jew li għandhom livell għoli ta' vulnerabbiltà.
 - Tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fl-ispażju diġitali u tavvanza approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-teknoloġiji diġitali f'fora multilaterali rilevanti u pjattaformi oħra.
 - Tippromwovi Internet miftuħ, ħieles, globali, stabbli u sigur ibbażat fuq il-mudell ta' diversi partijiet interessati tal-governanza tal-Internet.
 - Tinfluwenza t-tfassil ta' standards teknoloġiċi internazzjonali etiċi, sikuri u inklużivi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, fost l-oħrajn permezz ta' sensibilizzazzjoni msaħħa kkoordinata bejn ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, partikolarment bil-ħsieb li jsiru negozjati fuq il-livell dinji f'korpi bħall-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC), u l-Istitut tal-Inġiniera Elettriċi u Elettroniki (IEEE).

- Tikkontribwixxi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU u l-iżvilupp tal-Patt Diġitali Globali tan-NU.
- F'konformità mal-istrateġija tal-Gateway Global, tippromwovi u tappoġġa infrastrutturi diġitali reżiljenti u fdati, it-tisħiħ tas-soċjetajiet diġitali demokratiċi lil hinn mill-fruntieri tal-UE, l-infrastruttura pubblika diġitali u prodotti pubbliċi diġitali, u l-ġid komuni diġitali.
- Tippromwovi b'mod proattiv governanza teknoloġika favur l-innovazzjoni u bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u tippromwovi l-approċċ tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali ċċentrat fuq il-bniedem u bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem.
- Tippromwovi b'mod attiv il-politiki u r-regolamenti diġitali interni tal-UE, filwaqt li tqis il-viżjoni stabbilita fil-"Kumpass Diġitali tal-2030: l-Approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali", ladarba jiġi adottat, u tissorvelja l-iżvilupp tal-politika diġitali globalment, filwaqt li tinforma wkoll it-tfassil tal-politika interna tal-UE.
- Tikkontribwixxi għal implimentazzjoni koerenti u ta' tisħiħ reċiproku tal-partijiet rilevanti tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE, inkluż dwar aspetti ċibernetiċi u ibridi, kif deskritt b'mod partikolari fil-Boxxla Strateġika, l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ċibernetiċi¹ u ibridi² adottati dan l-aħħar, kif ukoll il-pakketti dwar id-Difiża u l-Ispazju skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti.
- Tikkontribwixxi għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-UE anke fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-theddid ibridu, attakki ċibernetiċi, u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż l-interferenza sponsorjata mill-istat, kif ukoll il-ġlieda kontra l-vjolenza u d-diskors ta' mibegħda, inkluż permezz ta' appoġġ għas-Sejħiet ta' Pariġi u Christchurch.

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea](#), 23 ta' Mejju 2022.

² [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi](#), 21 ta' Ġunju 2022.

- Skambju mal-partijiet ikkonċernati min-negozji, il-qasam akkademiku u s-soċjetà ċivili kif xieraq, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, biex jiġu identifikati opportunitajiet li jistgħu jaqblu mal-għanijiet politiċi, ekonomiċi u ġeostrateġiċi tal-UE f'pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu mifhuma l-punti ta' tluq differenti għad-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġiji madwar id-dinja.
- Tippromwovi fluss sikur u liberu tad-data b'fiduċja, filwaqt li jitqiesu fost l-oħrajn eċċezzjonijiet għal objettivi leġittimi tal-politika pubblika u b'rispett sħiħ tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza, tappoġġa l-komunikazzjoni dinjija ta' negozji Ewropej u tippromwovi eżempji Ewropej ta' approċċi etiċi għall-użu tad-data, peress li l-użu responsabbli ta' data min-negozji u l-gvernijiet jifforma l-bażi għall-iżvilupp ta' ekosistemi diġitali affidabbli u responsabbli.
- Tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni għal futur sostenibbli, billi tippromwovi soluzzjonijiet diġitali Ewropej innovattivi li jistgħu jgħinu biex tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima.
- Tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-abbiltà tal-UE, tal-Istati Membri u tas-sħab li jevalwaw u jindirizzaw ir-riskji, il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi kritiċi f'teknoloġiji emerġenti u fundamentali u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE billi ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sħab tagħna.
- Ittejjeb il-kapaċità tal-UE li tissorvelja l-attività regolatorja diġitali dinjija, il-flussi tad-data internazzjonali u l-privatezza tad-data taċ-ċittadini tal-UE, ix-xejriet tal-kummerċ diġitali, sħubijiet bejn pajjiżi terzi u l-effetti tagħhom fuq il-qafas tal-kompetizzjoni fis-suq globali għat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali.

7. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri flimkien jiżguraw il-komplementarjetà u l-koerenza bejn l-inizjattivi ta' politika diġitali interni u esterni tal-UE u tal-Istati Membri u azzjoni effettiva. Il-Kunsill jistieden ukoll lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jsegwu żviluppi internazzjonali ewlenin attwali u prospettivi rilevanti għad-Diplomazija Diġitali tal-UE u ċ-Ċiberdiplomazija, filwaqt li jinnota r-rwol importanti tal-Istati Membri, fost l-oħrajn permezz tal-korpi rilevanti tal-Kunsill u n-Networks tad-Diplomazija Diġitali u l-Ambaxxaturi Ċibernetiċi, fil-gwida u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.
8. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, bl-involvement sħiħ tal-Istati Membri, jiżviluppaw approċċi mfassla apposta biex jibnu koalizzjonijiet u jsaħħu l-kooperazzjoni fis-sistema tan-NU u magħha, il-G7, l-OSKE, l-OECD, id-WTO, in-NATO, il-Kunsill tal-Ewropa u fora multilaterali oħra, kif xieraq, fosthom organizzazzjonijiet ta' diversi partijiet interessati u partikolarment f'korpi ta' standardizzazzjoni, li fihom standards Ewropej koerenti u armonizzati jaqdu rwol influwenti.
9. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota l-importanza dejjem akbar tal-koordinazzjoni tal-UE għal elezzjonijiet u ħatriet għal karigi fin-NU u korpi multilaterali rilevanti oħra, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri, u jappoġġa l-isforzi tal-UE biex tippromwovi l-għanijiet tagħha, flimkien ma' sħab tal-istess fehma.

10. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jkomplu jippromwovu d-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jallinjaw mas-sħab fis-sistema tan-NU, bl-involvement sħiħ tal-Istati Membri, u b'mod partikolari fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-tielet kumitat tal-AĠNU, il-proċess madwar ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU “L-Aġenda Komuni Tagħna”, kif ukoll il-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali għall-Kooperazzjoni Diġitali, fejn l-UE għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tħejjija ta' Patt Diġitali Globali u taħdem mal-Mibgħut tat-Teknoloġija tan-NU.
11. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ tiegħu għal sħubijiet ambizzjużi dwar kwistjonijiet diġitali esterni, u jissottolinja l-importanza tal-inizjattivi tal-UE bilaterali, reġjonali, multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati fil-qasam diġitali, partikolarment il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, is-Sħubija Diġitali mal-Ġappun, Sħubijiet Diġitali futuri mar-Repubblika tal-Korea u Singapore, il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja, l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent, l-Inizjattiva UE4Digital tas-Sħubija tal-Lvant, l-impenn konġunt lejn it-trasformazzjoni diġitali fil-Viżjoni Konġunta UE-Afrika għall-2030, is-Sħubija Strateġika mal-Golf u l-Aġenda l-Ġdida għall-Mediterran, id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-UE u l-pajjiżi Indo-Paċifiċi dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data diġitali, kif ukoll l-Alleanza Diġitali UE-ALK li jmiss u d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ diġitali fil-ftehimiet kummerċjali eżistenti tal-UE. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jiżguraw koordinazzjoni effettiva mal-Istati Membri sabiex isir użu sħiħ minn dawn il-fora u l-istrumenti.
12. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jesploraw inizjattivi addizzjonali biex tiżdied il-viżibbiltà tal-UE globalment billi jitgħallmu mill-aħjar Prattiki tal-Istati Membri.

13. Il-Kunsill jappoġġa l-ħolqien ta' pakketti tal-ekonomija diġitali li jikkombinaw investiment fl-infrastruttura diġitali, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-promozzjoni strateġika ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u l-konverġenza regolatorja u tal-istandards, u li jirrispettaw il-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, anke b'ħala parti mill-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jesploraw kontributi potenzjali għal tali pakketti f'approċċ ta' Tim Ewropa, kif ukoll jinfurmaw, kif xieraq, dak l-approċċ permezz ta' djalogu ma' pajjiżi terzi, is-soċjetà ċivili, kumpanniji tat-teknoloġija u atturi rilevanti oħra.
14. Il-Kunsill jappella għal djalogu u kooperazzjoni kontinwi mas-settur privat, inkluż il-pjattaformi online, u s-soċjetà ċivili biex jiġu żviluppati b'mod konġunt soluzzjonijiet għall-indirizzar tal-isfidi u l-użu ħażin ta' teknoloġiji u pjattaformi diġitali.
15. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jagħmlu użu minn panel dinji tat-teknoloġija fit-tfittxija ta' kontributi minn diversi partijiet ikkonċernati għall-iżvilupp tad-diplomazija diġitali tal-UE.
16. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jippromwovu għodod ġodda u innovattivi ta' diġitalizzazzjoni żviluppati mill-Unjoni Ewropea, bħal teknoloġiji, standards jew settijiet ta' data żviluppati fil-programmi tal-UE, inkluż id-data dwar il-kopertura globali mogħtija mill-Programm Spazjali tal-UE.

17. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jibnu fuq il-kunsens ma' sħab tal-istess fehma biex jipproteġu u jippromwovu aħjar id-demokrazija, id-drittijiet universali tal-bniedem u l-ordni bbażat fuq ir-regoli f'dinja dejjem aktar diġitalizzata, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, ladarba adottata. Il-Kunsill jilqa' wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern Elettroniku, id-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar is-Soċjetà Diġitali u l-Gvern Diġitali bbażat fuq il-Valuri u d-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar id-Demokrazija Diġitali bi Skop. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu dawn id-Dikjarazzjonijiet li jappoġġaw internazzjonalment lil xulxin u jintegrawhom b'mod aktar sod fl-azzjoni esterna tal-UE, billi jqisu wkoll id-Dikjarazzjoni għall-Futur tal-Internet.
18. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu applikati online l-istess drittijiet li japplikaw offline. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tat-teknoloġiji diġitali - inkluż id-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu - bħala parti minn narrativa koerenti tal-viżjoni tal-UE ċentrata fuq il-bniedem tat-trasformazzjoni diġitali, li tikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-UE bħala attur kruċjali f'dan il-qasam, inkluż fi proċessi internazzjonali għall-istabbiliment ta' standards.

19. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni, u l-istat tad-dritt fl-isfera diġitali madwar id-dinja, b'mod partikolari billi jrawmu l-litteriżmu diġitali u jagħlqu d-distakk diġitali bejn il-ġeneri. Dan jitlob ukoll li jingħataw strumenti u fondi rilevanti biex jiġi miġġieled l-għeluq tal-Internet, is-sorveljanza diġitali arbitrarja jew indiskriminata u ż-żamma ta' data flimkien ma' politika miftiehma biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem online eż. permezz ta' dialoġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, biex jiġu protetti d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili online u jiġi estiż l-ispazju ċiviku. Id-diplomazija pubblika għandha tintuża biex tagħti viżibbiltà lill-impatt u l-benefiċċji tal-użu responsabbli ta' teknoloġiji ġodda għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tagħhom biex jiddokumentaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
20. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li għaddejjin biex jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-qsim ta' data favur is-sostenibbiltà u l-SDGs, u jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippromwovu l-qsim ta' data diġitali standardizzata marbuta mas-sostenibbiltà tal-kumpanniji u l-prodotti.
21. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar l-ambitu u s-sofistikazzjoni dejjem akbar tad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) fl-ispazju diġitali, li jistgħu jnaqqru l-fiduċja pubblika fil-proċessi u l-istituzzjonijiet demokratiċi, idgħajfu l-inizjattivi pubbliċi, isaħħu l-isterjotipi, u jinċitaw id-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, l-intolleranza u l-vjolenza. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) filwaqt li jiżguraw Internet miftuħ, liberu, globali, stabbli u sigur u li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

22. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għan-Network ta' Diplomazija Diġitali tal-UE, kif jinsab fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fis-17 ta' Novembru 2020. Il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tan-network bħala pjattaforma għall-koordinazzjoni, id-diskussjoni u l-qsim ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri tal-UE dwar kwistjonijiet marbutin mad-Diplomazija Diġitali kif ukoll għal aktar tisħiħ tal-koordinazzjoni tiegħu man-Network tal-Ambaxxaturi Ċibernetiċi tal-UE.
23. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, bl-involvement mill-qrib tal-Istati Membri, ikomplu jaħdmu ma' organizzazzjonijiet sħab fil-qafas tad-dikjarazzjoni tan-NU tal-prinċipji għall-osservazzjoni elettorali internazzjonali biex ikomplu jiżviluppaw linji gwida għal missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali biex janalizzaw il-media soċjali u d-dibattitu online matul il-kampanji elettorali. Il-Kunsill jappella għall-użu kontinwu ta' metodoloġija għall-osservazzjoni ta' kampanji elettorali online bħala parti sistematika tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali kollha tal-UE. L-attenzjoni għal teknoloġiji diġitali ġodda għandha wkoll tiggwida l-isforzi ta' appoġġ elettorali tal-UE.
24. Il-Kunsill jilqa' l-ħolqien li ġej ta' uffiċċju tal-UE f'San Francisco bħala mezz ta' tisħiħ tal-impenn transatlantiku fl-aġenda diġitali, li jissodisfa l-għanijiet relatati tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, u jibni kuntatti mal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati fuq il-post bil-ħsieb li jikkontribwixxi għal trasformazzjoni diġitali b'suċċess, sostenibbli u ċċentrata fuq il-bniedem biex jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-valuri komuni u s-sistemi demokratiċi tal-UE u tal-Istati Uniti.

25. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jagħmlu użu sħiħ, sistematiku u koordinat min-network tad-Delegazzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi tal-Istati Membri biex jaħdmu ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll il-komunità ta' diversi partijiet interessati, filwaqt li jwasslu l-pożizzjonijiet tal-UE u jsaħħu r-rappurtar dwar kwistjonijiet ta' politika teknoloġika, filwaqt li jżommu f'moħħhom l-interkonnnessjoni dejjem akbar bejn l-aspetti ekonomiċi ta' teknoloġiji ġodda, dipendenzi teknoloġiċi kritiċi relatati u l-effetti tagħhom fuq is-sovranià diġitali Ewropea, is-sigurtà interna u l-politika barranija, tas-sigurtà, tal-kummerċ, tal-iżvilupp u tad-difiża.
26. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, isaħħu ċ-ċentri reġjonali ta' diplomazija diġitali f'Delegazzjonijiet ewlenin tal-UE, li huma kompletament koerenti u ta' tisħiħ reċiproku man-Network taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE kif previst mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea.
27. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza fil-flussi kollha ta' ħidma diġitali u ċibernetika fi ħdan il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw aktar il-kapaċitajiet tal-UE għall-analiżi ta' żviluppi tal-politika teknoloġika u diġitali.
28. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli jiżviluppa taħriġ ta' diplomazija diġitali għad-diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri sabiex jittejbu l-ħiliet u jiġi stabbilit fehim komuni tat-teknoloġija fil-ġeopolitika, u jiġi żgurat li d-diplomazija Ewropea tkun xierqa għall-era diġitali.

29. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jiżguraw involviment mill-qrib tal-Istati Membri fid-diplomazija diġitali u jkomplu jirrappurtaw regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll jevalwaw l-impatt tat-teknoloġiji diġitali internazzjonalment fuq id-demokrazija, id-drittijiet universali tal-bniedem u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.
30. Il-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni sas-sajf tal-2023 u jqis il-progress fuq bażi regolari.
-